**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 6/16VG**

**Bashir Abdilalem Saciid**

**Vs**

**Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Bashir Abdilalem Saciid fit-28 ta' Jannar 2016 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara, in linea ta' revizjoni, li d-Decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati datata 28 ta' Awwissu 2015 ghandha tigi mhassra u dana ghar-ragunijiet moghtija fir-Rikors; (ii) konsegwentement, jordna li l-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati jerga' jisma' l-appell tieghu b'mod li jkun konformi mal-principji procedurali rilevanti; (iii) jiddikjara li l-ligi taghna ma gietx trasposta b'mod konformi ma' l-Artikolu 39 tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ta' l-1 ta' Dicembru 2005 dwar standards minimi dwar proceduri fi Stati Membri dwar l-ghoti u l-irtirar ta' status ta' rifugjat; u (iv) jordna kwalunkwe provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 10 sa' 22 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati permezz ta' liema filwaqt li jitlob li t-Tribunal jordna lir-Rikorrent jispecifika b'iktar precizjoni ezattament taht liema artikolu tal-Ligi qieghed jibbaza t-talbiet tieghu, b'dana li jirriserva li jressaq Risposta Ulterjuri jekk ikun mehtieg, jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, u d-Decizjoni tieghu kkonfermata stante li: (i) dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet tieghu peress illi tali kompetenza ta' stharrig giudizzjarju kif mitluba mir-Rikorrent tispetta lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'kawza intavolata permezz ta' rikors mahluf; (ii) l-azzjoni odjerna hija improponibbli fil-konfront tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-

Rifugjati peress li r-rimedju tal-parti li thossha aggravata zgur m'huwiex li tharrek lill-awtorità gudikanti; (iii) ir-Rikors odjern huwa rritu u null peress illi r-Rikorrent naqas milli jhares dak li jipprovdi l-Artikolu 460 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ma ressaq l-ebda att gudizzjarju preventiv qabel ma ipproceda bil-proceduri odjerni; u (iv) fil-meritu d-Decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati bin-Numru 5460/14 hija gusta u skond il-Ligi u b'hekk timmerita li tigi kkonfermata ghar-ragunijiet esposti f'iktar dettal fir-Risposta;

Ra d-dokument anness mar-Risposta tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati markat Dok. "RB1" a fol. 27 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2016[1] il-partijiet kontendenti qablu li fid-dawl ta' l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal sollevata mill-Bord Intimat, tigi trattata u determinata tali eccezzjoni qabel ma jigu trattati l-proceduri fil-mertu;

Ra li waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 id-difensur tar-Rikorrent iddikjara li it-talbiet ta' l-istess Rikorrent ma humiex ibbazati fuq l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Bord Intimat relattiva ghall-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal a fol. 41 sa' 46 tal-process u ra in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent relattiva ghall-istess imsemmija eccezzjoni a fol. 47 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali finali dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jitlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara, in linea ta' revizjoni, li d-Decizjoni Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati datata 28 ta' Awwissu 2015 (hawn iktar 'l quddiem indikata bhala d-Decizjoni) ghandha tigi imhassra ghar-ragunijiet moghtija fir-Rikors; (ii) konsegwentement, jordna li il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati jerga' jisma' l-appell tieghu b'mod li jkun konformi mal-principji procedurali rilevanti; (iii) jiddikjara li l-ligi taghna ma gietx trasposta b'mod konformi ma' l-Artikolu 39 tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ta' l-1 ta' Dicembru 2005 dwar standards minimi dwar proceduri fi Stati Membri dwar l-ghoti u l-irtirar ta' status ta' rifugjat; u (iv) jordna kwalunkwe provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

[1] Fol. 37 tal-process.

Ir-Rikorrent jibbaza t-talbiet tiegħu fuq is-segwenti aggravji: (a) id-Deċizjoni ma tagħmilx referenza għal eżami tal-motivi ewlenin għaċ-ċaħda ta' l-applikazzjoni oriġinali; (b) id-Deċizjoni ma tagħmilx eżami fil-fond dwar il-portata u l-intensità rikjesti mill-liġi skond l-Artikolu 3(2)(a) ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amminsitrattiva u l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85/KE tal-biża' imsejsa sew fuq il-persekuzzjoni jew periklu serju kif sostnut minnu; (c) id-Deċizjoni tqis li r-Rikorrent seta' jgħix f'parti oħra tas-Somalja abbażi tal-prinċipju ta' *internal relocation* jew *internal flight alternative*, izda dan mingħajr ma kien hemm eżami bir-reqqa taċ-ċirkostanzi tal-każ; (d) id-Deċizjoni ma turix il-motivazzjonijiet b'mod bizzejjed ċar u evidentement ma tiehux in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet li r-Rikorrent kien semma fl-appell tiegħu mid-deċizjoni tal-Kummissarju tar-Refuġjati; u (e) id-Direttiva 2005/85/KE u senjatament l-Artikolu 39 ta' l-imsemmija Direttiva, ma ġiex transport fil-Liġi nostrali dwar ir-rifuġjati, senjatament l-Att dwar ir-Rifuġjati, Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta, konformament mad-Direttiva.

Il-Bord Intimat jopponi għat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jiġu miċħuda u d-Deċizjoni mogħtija minnu kkonfermata stante li: (i) dan it-Tribunal ma għandux ġurisdizzjoni sabiex jieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent peress illi tali kompetenza ta' stħarriġ ġudizzjarju kif mitluba mir-Rikorrent tispetta lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'kawża intavolata permezz ta' rikors maħluf; (ii) l-azzjoni odjerna hija improponibbli fil-konfront tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati peress li r-rimedju tal-parti li tħossha aggravata żgur m'huwiex li tħarrek lill-awtorità ġudikanti; (iii) ir-Rikors odjern huwa irritu u null peress illi r-Rikorrent naqas milli jħares dak li jipprovdi l-Artikolu 460 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u ma ressaq l-ebda att ġudizzjarju preventiv qabel ma pproċeda bil-proċeduri odjerni; u (iv) fil-meritu, id-Deċizjoni bin-Numru 5460/14 hija ġusta u skond il-Liġi u b'hekk timmerita li tiġi kkonfermata għar-raġunijiet esposti f'iktar dettal fir-Risposta tiegħu.

Il-Bord Intimat jiddikjara wkoll li t-Tribunal għandu jordna lir-Rikorrent jispeċifika b'iktar preċiżjoni eżattament taħt liema artikolu tal-Liġi qiegħed jibbaża t-talbiet tiegħu, b'dana li jirriserva li jressaq Risposta Ulterjuri jekk ikun meħtieġ. Fir-rigward ta' tali pretensjoni tal-Bord Intimat, ir-Rikorrent, tramite d-difensur tiegħu, iddikjara li t-talbiet tiegħu ma humiex ibbażati fuq l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta[2].

Waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 il-partijiet kontendenti qablu li fid-dawl ta' l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal sollevata mill-Bord Intimat, għandha tiġi trattata u deċiża tali eċċezzjoni qabel ma l-proċeduri odjerni jiġu trattati fil-meritu. B'hekk dan id-Digriet huwa limitat għall-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal sollevata mill-Bord Intimat.

[2] Seduta tas-16 ta' Marzu 2016, fol. 37 tal-process.

Mir-Rikors promotur huwa evidenti li l-proceduri odjerni ghandhom skop u ghan dupplici: (i) dak ta' l-istharrig gudizzjarju ta' l-ghemil tal-Bord Intimat fl-ghoti tad-Decizjoni; **u** (ii) dak tad-dikjarazzjoni li l-Artikolu 39 tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ta' l-1 ta' Dicembru 2005 dwar standards minimi dwar proceduri fi Stati Membri dwar l-ghoti u l-irtirar ta' status ta' rifugjati (iktar 'l quddiem indikata bhala d-Direttiva 2005/85/KE) ma giex traspost fl-Att dwar ir-Rifugjati, Kap.420 tal-Ligijiet ta' Malta, konformament ma' l-imsemmija Direttiva. Fil-fehma tat-Tribunal, it-talbiet avvanzati mir-Rikorrent u l-ghan u skop dupplici li huwa jrid jottjeni bil-proceduri odjerni, ma jaqghux taht il-kompetenza tieghu u kif gustament eccepit mill-Bord Intimat, dan it-Tribunal ma ghandux il-gurisdizzjoni sabiex jiehu konijzzjoni ta' tali talbiet.

Huwa principju ormai stabbilit fis-sistema guridika nostrali li l-Qrati ordinarji, senjatament il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ghandhom gurisdizzjoni generali biex jistharrgu l-imgieba ta' kull tribunal kwazi-gudizzjarju jew mahluq statutorjament. F'tali rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **SM Cables Limited v. Carmelo Monaco, Citaz. Nru. 2661/00,** deciza fl-14 ta' Frar 2002: *illi, qabel xejn, ghandu jinghad li dawn il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni generali biex jistharrgu l-imgieba ta' kull tribunal kwazi-gudizzjarju jew mahluq statutorjament. Dan jinghand ghaliex, fi stat ta' dritt, hadd mhu mhelus mir-rabta li jimxi kif tridu l-ligi, u jekk issir xilja li dik il-persuna ma mxietx skond il-ligi huma l-Qrati li ghandhom is-setgha li jqisu l-ilment u li jaghtu r-rimedju jekk ikun il-kaz.* Fis-sentenza fl-ismijiet **Salon Services Limited v. Elaine Dimech, Citaz. Nru. 5/02**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru 2003 gie mill-gdid osservat illi *l-ewwelnett, tajjeb li jigi carat li kif osservat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza "Eden Leisure Group v. Borg D'Anastasi" moghtija fis-27 ta' Gunju 2003, "illum hu car li l-Qorti Civili tista' tissindika l-operat ta' kwalsiasi Tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li l-principji ta' gustizzja naturali huma osservati, u t-tieni biex tassigura li ma kienx hemm xi enunzjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal". Pronunzjament fuq l-istess linji kien inghata minn din il-Qorti fil-kawza "Power Projects Ltd. v. Agius", deciza fis-16 ta' Gunju 2003.* Fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Magri v. HSBC Bank Malta p.l.c., Citaz. Nru. 2641/00** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 2002, gie osservat illi *ghalkemm Tribunal jew Bord jista' jinghata b'ligi l-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeciedi kazijiet specifici, bl-eskluzzjoni tal-Qrati ordinarji, l-istess Qrati ordinarji xorta huma kompetenti biex jissindakaw l-operat ta' l-istess Tribunal u s-sentenzi tieghu però limitatament ghal tlett kategoriji ta' difetti – (a) eccess ta' gurisdizzjoni; (b) non-osservanza ta' l-istess ligi kostitwita; u finalment (c) non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja*[3].

[3] Wilfred Privitera v. Anthony Bonello, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Frar 1993.

Fil-fehma tat-Tribunal fid-dawl ta' l-imsemmija principji guridici huwa evidenti li kwistjonijiet dwar l-operat ta' jew dwar decizjonijiet moghtija mill-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati, li huwa tribunal amministrattiv[4] li nghata b'ligi gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeciedi kazijiet specifici[5], jaqghu taht il-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili kif imfissra fis-sentenzi hawn fuq citati u mhux taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal kif stabbilita fl-Artikolu 5 u 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal huwa konxju mill-fatt li l-principju guridiku centrali li l-Qrati ordinarji, senjatament il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ghandhom gurisdizzjoni generali biex jistharrgu l-imgieba ta' kull tribunal kwazi-gudizzjarju jew mahluq statutorjament, iddahhal fis-sistema guridika nostrali fi zmien **qabel** il-promulgazzjoni ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u b'hekk **qabel** il-kostituzzjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, izda huwa tal-fehma li l-promulgazzjoni ta' l-imsemmi Att u l-holqien ta' dan it-Tribunal ma ghandhomx f'dan il-kaz iwasslu ghal konkluzzjoni differenti minn dik appena esposta.

Il-kompetenza tat-Tribunal fiz-zmien meta gew istitwiti dawn il-proceduri, ossia qabel ma dahlu in vigore l-emendi introdotti bl-Att IV ta' l-2016[6], kienet fis-sens illi: *qieghed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti w imparzjali, li jkun maghruf bhala t-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull ligi ohra, u bl-iskop ta' l-ezercizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva b'din il-ligi, jew taht din il-ligi, jew xi ligi ohra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-sehh dan l-Att. It-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva jkollu l-komptenza li jirrivedi atti amministrattivi* [Artikolu 5 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta], *it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima* [Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta] **u** *t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu minn issa 'l quddiem ikollu l-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunal amminsitrattivi imsemmija fil-ligijiet elenakti fit-Tielet Skeda, qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu* [Artikolu 25(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta]. Jigi osservat li ghalkemm l-Artikolu 25(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta jsemmi t-Tielet Skeda annessa ma' l-Att bhala fatt tali Skeda ma tezistix ghaliex kif jirrizulta mill-Ligi stess din thalliet barra taht l-Att ta' l-1980 dwar ir-Revizjoni tal-Ligijiet Stautorji u l-emendi li kien hemm fl-Iskeda gew inkorporati fil-legislazzjoni relattiva.

[4] Artikolu 2 u l-Ewwel Skeda tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 7 tal-Kap.420 tal-Ligijiet ta' Malta.
[6] 15 ta' Frar 2016.

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog car li l-kompetenza tat-Tribunal hija essenzjalment u entro l-limiti imposti bil-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta stess, dik ta' revizjoni fuq punti ta' fatt u ta' dritt ta' atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika. A tenur ta' l-Artikolu 2 ta' l-imsemmi Att "atti amministrattivi" jinkludu *l-hrug mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, licenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, koncessjoni, decizjoni jew cahda ta' xi talba maghmula minn membru tal-pubbliku, izda ma tinkludix mizura li tittiehed ghall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi hdan l-istess amministrazzjoni pubblika* **u** "amministrazzjoni pubblika" tfisser *il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u d-Dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi*. Minn dawn id-definizzjonijiet wahdehom huwa immedjatament evidenti li l-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati, li huwa bord kwazi-giudizzjarju kostitwit bil-Ligi, ma huwiex u ma jistax jitqies li huwa awtorità pubblika kif intiz fl-Artikolu 2 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm il-Bord ta' l-Appelli dwar Rifugjati huwa indikat bhala tribunal amministrattiv fl-Ewwel Skeda tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, b'daqshekk ma jfissirx li tali Bord jaqa' taht l-iskrutinju ta' dan it-Tribunal. In effetti minn qari akkurat tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta johrog car li l-Bordijiet u Tribunali indikati fl-Ewwel Skeda tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta huma tribunali amministrattivi ghall-finijiet ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi u dan a tenur ta' l-Artikolu 2 ta' l-istess, li ghandhom josservaw, jirrispettaw u japplikaw il-principji ta' mgieba amministrattiva tajba stabbiliti fit-Taqsima II tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.

Waqt is-sottomissjonijiet orali finali dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal id-difensuri tar-Rikorrent issottomettew li jekk tribunal amministrattiv ma josservax il-principji ta' mgieba amministrattiva tajba elenkati fl-Artikolu 3 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta – aggravju dan sollevat mir-Rikorrent vis-à-vis id-Decizjoni tal-Bord Intimat – huwa biss dan it-Tribunal li ghandu kompetenza jittratta tali kwistjoni u konsegwenti aggravju tal-persuna effettwata. It-Tribunal però assolutament ma jaqbilx ma tali sottomissjoni stante li mhux biss tmur ghal kollox kontra l-principji guridici in materja w hawn appena citati w esposti, talli addirittura ma tirrispekkjax interpretazzjoni korretta ta' l-Artikoli 5 u 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 3 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi l-principji ta' mgieba amminsitrattiva tajba li kull tribunal amministrattiv hu tenut li josserva, jirrispetta u japplika u bla dubju ta' xejn tali principji jistghu anzi, fejn qed jigi allegat li ma gewx debitament osservati, ghandhom jigu invokati fi proceduri ghall-istharrig gudizzjarju ta' l-operat u/jew decizjoni ta' bord giudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Ghal buon fini jigi ulterjorment osservat illi certament ma huwiex di kompetenza ta' dan it-Tribunal li jittratta kwistjonijiet dwar il-mod kif Direttivi ta' l-Unjoni Ewropeja jigu trasposti fil-Ligijiet nostrali u b'hekk tali aggravju u talba relattiva sollevati mir-Rikorrent certament ma jistghux jigu ikkunsidrati minn dan it-Tribunal.

Ghalkemm fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta li l-Bord Intimat gustament jeccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal fir-rigward tal-kaz in ezami, is-sottomissjoni tal-Bord Intimat li *tali kompetenza ta' stharrig gudizzjarju kif mitlub mill-attur tispetta lil Onorabbli Qorti tal-Prim' Awla Civili f'kawza intavolata permezz ta' rikors mahluf*[7], illum ma ghadhiex korretta.

In effetti bis-sahha ta' l-emendi introdotti bl-Att IV ta' l-2016, liema emendi dahlu fis-sehh fil-15 ta' Frar 2016, l-Artikolu 741(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tista' tinghata ... (b) meta, ghalkemm ta' gurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawza tingieb quddiem qorti diversa minn dik li ghandha tiehu konjizzjoni taghha: Izda, jekk il-Qorti tikkunsidra li l-eccezzjoni hi gustifikata, il-Qorti ghandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li ghandhom jiehdu konjizzjoni ta' dik il-kawza*[8]*: Izda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu gew trasferiti l-atti tal-proceduri jikkunsidraw li ma ghandhomx gurisdizzjoni biex jiehdu konjizzjoni tal-kawza lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal iehor ghandhom, fi zmien ghaxart ijiem minn meta jkunu rcevew l-atti tal-proceduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigh quddiemhom, jibghatu l-atti tal-proceduri lill-qorti ta' l-appell li hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal iehor, liema qorti ghandha, fi zmien tletin gurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeciedi liema qorti, bord jew tribunal iehor ghandhom jiehdu konjizzjoni tal-kawza.*

Ghalkemm dan l-Artikolu tal-Ligi jittratta dwar il-kaz ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata quddiem Qorti, it-Tribunal hu tal-fehma li dak hemm provdut dwar il-procedura li ghandha tigi adottata f'kaz li tali eccezzjoni tirrizulta gustifikata japplika anke ghal proceduri pendenti quddiemu fejn tkun giet sollevata l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni Tieghu, u dana anke fid-dawl tal-fatt li a tenur ta' l-Artikolu 20(1) ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal *ghandu jkollu l-istess setghat li huma vestiti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jtenni li fil-fehma Tieghu ma huwiex kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent stante li hija l-Prim'

[7] Risposta tal-Bord Intimat. Sottolinear tat-Tribunal.
[8] Sottolinear tat-Tribunal.

Awla tal-Qorti Civili li ghandha gurisdizzjoni generali biex tistharreg l-imgieba ta' kull tribunal kwazi-gudizzjarju jew mahluq statutorjament, u b'hekk jilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata mill-Bord Intimat, jordna li l-atti ta' dawn il-proceduri jigu trasferiti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tiehu konjizzjoni ta' l-istess.

Dan id-Digriet ghandu jigi komunikat lill-Avukati Dottor Carla Camilleri u Dottor Neil Falzon ghar-Rikorrent u lill-Avukat Dottor Ariana Falzon ghall-Bord Intimat.

**Moghti llum 6 ta' Lulju 2016**

**MAGISTRAT**